**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Gunju, 2016**

Numru 6

**Rikors Guramentat Nru. 178/2016**

**Roberta Scicluna**

**vs**

**Ir-Rettur tal-Universita ta' Malta**
**in rapprezentanza tal-istess Universita ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-4 ta' Marzu 2016 li jghid hekk:

Il-Fatti

1. Illi permezz ta' ittra data 26 ta' Mejju 2015 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A) mibghuta mid-Dekan u l-Vici Dekan tal-Fakulta tad-Dentistrija, r-Rettur tal-Universita gie infurmat illi r-rikorrenti Roberta Scicluna, li kienet fl-ahhar sena tal-kors tad-dentistrija kienet ser titressaq ghal azzjoni dixxiplinari;

2. Illi r-raguni wara din ir-referenza kienet illi numru ta' sessjonijiet klinici li kellhom x'jaqsmu mas-suggetti bin-numru DNS 4110, 4111 u 4112 rispettivament ma kienux iffirmati mid-dentisti rispettivi u f'xi kazijiet jallegaw illi l-firem kienu foloz;

3. Illi ir-rikorrenti giet formalment innotifikata b'dawn il-proceduri permezz ta' ittra datata 11 ta' Gunju 2015 (hawn anness u mmarkata bhala Dok. B1) u permezz ta' ittra mibghuta minnha datata 15 ta' Gunju 2015 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B2) hija cahdet l-allegazzjonijiet mressqa kontriha;

4. Illi nhar id-9 ta' Gunju 2015 bdew il-proceduri dixxiplinari quddiem il-Kumitat tad-dixxiplina (hawn annessi u mmarkati bhala Dok. C);

5. Illi f'dawn il-proceduri xehdu tnejn mid-dentisti li ghamlu dawn l-allegazzjonijiet filwaqt illi r-rikorrenti cahdet l-allegazzjoni illi b'xi mod jew iehor hija ffirmat ghan-nom taghhom;

6. Illi nhar l-14 ta' Lulju 2015, fl-assenza tar-rikorrenti, il-Kumitat tad-Dixxiplina rega' ltaqa' fejn fiha l-minuti tal-laqgha tat-19 ta' Gunju 2015 gew approvati u iffirmati mic-Chariman tal-Kumitat;

7. Illi nhar il-31 ta' Lulju 2015, ukoll fl-assenza tar-rikorrenti, il-Kumitat tad-Dixxiplina rega' ltaqa' fejn fiha il-Vici Dekan tal-Fakulta tal-Kirurgija Dentali tat ix-xhieda taghha u fl-istess waqt hija kienet wahda mill-Membri li jiffurmaw il-Kumitat tad-Dixxiplina;

8. Illi f'din l-istess seduta, il-Kumitat tad-Dixxiplina wasal ghal konkluzjoni illi r-rikorrenti kienet hatja illi hi stess immanipulat il-firem u fil-fatt il-Kumitat iddecieda s-segwenti:
"(i) guilty of having presented to the university documentation which formed part of her official assessment record and over which she had duty of care which documentation contained forged signatures and marks;
(ii) guilty of willfully using said documentation to her advantage since without the marks bearing the forgeries, Ms Scicluna would not have fulfilled all the conditions required for successful completion of the final year of her degree."

9. Illi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tad-Dixxiplina kienu s-segwenti:
"(a) be suspended for a year from her University course with immediate effect;
(b) be allowed to re-join the final year of the course in October 2016;
(c) be required to re-do all the units of Year V; the Board knowingly gave this concession to the student despite the fact that Ms Scicluna is debarred be regulations from repeating a year since she had already repeated Year III of the course;
(d) be fined the sum of 250 euros; and
(e) if found guilty again of misdemeanour under the Regulations to Govern the Exercise of Discipline, she would face more serious consequences, including expulsion from University."

10. Illi wara li l-Kumitat tad-Dixxiplina ressaq ir-rakkomandazzjonijiet lir-Rettur, din id-decizjoni tal-Kumitat ma nghatatx lir-rikorrenti bhalma kellha tinghata ai termini ta' Regolament 5.9 tar-'Regulations to Govern the Exercise of Discipline';

11. Illi r-Rettur kkomunika r-rapport lis-Senat, u dan tal-ahhar ta l-parir tieghu;

12. Illi l-Kumitat tad-Dixxiplina ltaqa' fit-23 ta' Settembru 2015 sabiex jikkunsidra ir-reazzjoni tas-Senat ghar-rakkomandazzjonijiet tal-14 ta' Lulju 2015 u l-Kumitat tad-Dixxiplina ddecieda li jikkonferma d-decizjonijiet tieghu u sabiex jemenda l-kliem ta' Minuta 40 ghas-segwenti:
"(A) the findings of the Committee listed as (ii), which is now to read:
"(ii) guilty of willfully using said documentation to her advantage since without the marks bearing the forgeries, Ms. Scicluna would have obtained lower marks in each of study-units DNS4110, DNS4111 and DNS4112 although she would still have fulfilled the conditions required for successful completion of the final year of her degree."

(B) the recommendation (c) which is now to read:
"(c) be required to re-do all the units of Year V as part of the disciplinary measures;"

13. Illi permezz ta' ittra datata 5 ta' Ottubru 2015 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D) ir-rikorrenti giet mgharrfa mir-Rettur stess illi huwa kien qieghed jinforza r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dixxiplina;

14. Illi d-decizjoniet mehuda mill-Kumitat tad-Dixxiplina u mill-Universita fir-rigward tar-rikorrenti ittiehdu bi ksur tal-ligi, bi ksur tal-principji ta’ gustizja naturali, irragonevolment u kontra il-ligi, u fost hwejjeg ohra:
a) il-proceduri quddiem il-Kumitat tad-Dixxiplina imponew oneru ta' prova li ma kienx fuq il-persuna li kienet qieghed tigi dixxiplinata u dan bi ksur tal-ligi u anke tad-drittijiet taghha kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem;
b) ittiehdu bi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali billi ma jelenkawx ir-ragunijiet fuq liema hija bazata d-decizjoni u bl-ebda mod ma urew b'mod ragunat kif waslu ghad-decizjoni taghhom u dan bi ksur car tal-obbligi taghhom fil-ligi;
c) ma segwewx il-proceduri mandatorji ghall-kaz billi l-Fakulta tad-Dentistrija kienet obbligata illi tivverifika l-korrettezza tal-'log book' qabel l-ezamijiet finali, u jekk il-'log book' ma jkunx approvat l-istudent kellu jigi infurmat qabel joqghod ghall-ezamijiet, haga li f’dan il-kaz ma gratx;
d) inoltre membri tal-istess Kumitat ta' Dixxiplina li ddecidew il-kaz taw ix-xhieda quddiem l-istess kumitat u ghalhekk kien hemm ksur tal-principju Ii minn jiggudika ma jistax ikollu ebda forma ta' bias; hija stramba li persuna tigi gudikata u misjuba hatja mill-istess persuna Ii tkun qieghed tixhed fil-konfront taghha minhabba l-interess evidenti Ii dak ix-xhud jkollu fl-ezitu finali;
e) il-konkluzjoni tal-Kumitat tad-Dixxiplina kellha tkun wahda ragjonevoli u mhux ibbazata fuq fatti li mhux rilevanti. Illi l-ebda persuna bi hsieb ragjonevoli ma kellha tasal ghal konkluzjoni illi kienet l-istess rikorrenti illi b'xi mod, minghajr ebda raguni logika, kienet ser timmanipola l-firem fuq il-'log book' taghha stess, meta bil-firem jew minghajrhom hija kienet ser tlesti l-kors taghha xorta wahda;
f) li d-decizjoni dixxiplinari kif rakkomandata mill-Kumissjoni tad-Dixxiplina u nfurzata mir-Rettur tpoggi lir-rikorrent f’posizzjoni ta' impossibilita li tikkwalifika billi sabiex terga’ tirrepeti l-ahhar sena tal-kors hija jkollha bzonn taghmel preparamenti li suppost ikunu bdew fis-snin ta' qabel u ghaldaqstant fil-kaz tar-rikorrenti li tpoggiet mill-Kumitat fl-ahhar sena dan jkun ghaliha impossibili;

15. Illi r-rikorrenti personalment taf bil-fatti fuq esposti.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob IiI din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi li:

(1) Thassar u tannulla d-decizjoni mehuda mill-Universita ta' Malta fir-rigward tar-rikorrenti hawn fuq deskritti u dan billi mehuda bi ksur tal-ligi kif fuq spjegat;
(2) Tordna lill-konvenuti sabiex jippermettu illi ir-rikorrenti tiffinalizza l-istudji taghha b'mod effettiv u jippermettulha li tiggradwa fil-grad lilha spettanti skond il-ligi;
(3) Tordna in difett tad-dikjarazzjoni fil-paragrafu hawn fuq li r-rikorrenti tithalla tiffinalizza l-kors ta' studji taghha b'mod effettiv;
(4) Tiddikjara, konsegwentement, lill-konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti kawza tad-decizjoni fuq imsemmija, liema danni jigu likwidati f’gudizzju separat.

B' riserva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti ghad-danni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Dicembru 2015 numru 4232/15 kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tar-Rettur tal-Universita li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici ma setghetx titmexxa 'l quddiem stante li la darba hija wahda ta' stharrig gudizzjarju, saret wara z-zmien ta' sitt (6) xhur mahsub fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. IIIi minghajr pregudizzju ghas-suespost din il-procedura hija ntempestiva stante illi r-rikorrenti ghandha pendenti proceduri fi stadju avvanzat quddiem l-Ombudsman.

3. IIIi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Universita intimata qieghda topponi t-talbiet kollha avvanzati fir-rikors promotur u tirrileva illi ma sehh l-ebda ksur tal-ligi u ksur tal-principji ta' gustizzja naturali u d-drittijiet fondamentali fil-konfront tar-rikorrent stante illi:

3.1 Ir-rikorrenti assistita mill-konsulent legali taghha kienet attendiet ghas-seduta tad-19 ta' Gunju 2015 u wara li saritilha l-introduzzjoni tal-membri li kienu qed jikkomponu l-Bord tad-Dixxiplina, la hi u lanqas il-konsulent legali taghha ma oggezzjonaw ghall-kompozizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina u lanqas dwar il-procedura tal-istess Bord; u,

3.2 Kif jidher mil-minuti tal-Bord tad-Dixxiplina, waqt is-seduta tal-Bord ir-rikorrenti kienet giet konfrontata mil-lecturers taghha li quddiemha stess kienu ddikjaraw li whud mill-firem li jidhru fuq il-logbook in kwistjoni ma kienux saru minnhom; u,

3.3 Hija nghatat l-opportunita li tifli u twiegeb ghall-istqarrijiet li ghamlu tliet (3) lecturers fil-konfront taghha u nghatat kopja tad-dokumentazzjoni kollha kollha biex tiddefendi ruhha; u,

3.4 Fuq insistenza taghha u peress li inter alia l-akkuza kontriha kienet dwar falsifikazzjoni ta' logbook, il-Bord ikkonceda zmien lir-rikorrenti sas-26 ta' Gunju 2016 sabiex tinfurmah jekk kienitx se tqabbad espert tal-kaligrafija biex jistabbilixxi jekk il-firem fuq il-logbook kienux falsifikati jew le, izda, hija ghazlet li tibqa' siekta; u,

3.5 II-Bord tad-Dixxiplina wara li ddelibera u wizen dak kollu li kien gie pprezentat lilu fil-laqgha tal-14 ta' Lulju 2015 inkluz il-konfront bejn ir-rikorrenti u l-lecturers, ikkonkluda li r-rikorrenti kisret ir-regolamenti u ddecieda li r-rikorrenti ghandha tinghata piena, u dan kif jidher tajjeb mill-minuti tal-Bord li ghalihom saret referenza fir-rikors promotur u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja tas-26 ta' Jannar 2016 kontra r-rikorrenti li minn issa qieghda tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni dwar id-dekadenza tal-azzjoni a bazi tal-artikolu 469A(3).

**Ikkunsidrat**

Mill-atti jidher illi l-attrici giet mgharfa li ser jittiehdu proceduri dixxiplinari kontriha permezz ta' ittra datata 11 ta' Gunju 2015. Hi rrispondiet bilil cahdet l-allegazzjonijiet mressqa fil-15 ta' Gunju 2015. Fid-19 ta' Gunju 2015 bdew il-proceduri dixxiplinari li ghaliha l-attrici kienet prezenti u saru xi provi. L-attrici nghatat gimgha zmien biex tiddikjara rieditx tinnomina espert fil-kaligrafija peress li l-allegazzjoni kienet ta' falsifikazzjoni ta' firem ta' xi tutors taghha. Ma jidhirx li l-attrici ghamlet kuntatt mal-kumitat ta' dixxiplina fit-terminu miftiehem. Il-kumitat ta' dixxiplina ltaqa' fl-14 ta' Lulju 2015 u saru xi spjegazzjonijiet ulterjuri minn wahda mill-membri tal-bord u wara l-bord irrakomanda passi dixxiplinari kontra l-attrici. Din ir-rakkomandazzjoni ntbaghtet lis-senat skond l-istatut tal-universita. Il-bord rega' ltaqa' fit-23 ta' Settembru 2015 biex jikkonsidra r-reazzjoni tas-senat u giet rikonfermata r-rakkomandazzjoni originali tal-bord b'xi tibdil. Din ir-rakkomandazzjoni ntbaghtet lir-rettur ghad-decizjoni tieghu. B'ittra tal-5 ta' Ottubru 2015 ir-rettur informa lil attrici bir-rakkomandazzjoni tal-bord li hu kien qed jikkonferma. Jirrizulta illi l-attrici ma gietx mitluba tattendi ghal ebda laqgha wara dik tad-19 ta' Gunju 2015 u ma nghatatx kopja tar-rizultanzi tal-bord tad-dixxiplina qabel giet kommunikata lilha d-decizjoni tar-rettur fil-5 ta' Ottubru 2015. Fil-fatt l-attrici ippruvat totjeni kopja tar-rapport b'ittra tat-2 ta' Settembru 2015 u b'ittra responsiva tat-3 ta' Settembru 2015, l-universita nfurmatha illi r-rapport tal-bord seta jinghata biss wara li l-universita tikkonkludi l-proceduri ta' dixxiplina.

Hu car ghal din il-Qorti r-rakkomandazzjoni tal-bord ta' dixxiplina tal-14 ta' Lulju 2015 ma kinitx att amministrattiv ossia decizjoni billi tali rakkomandazzjoni kien jehtieg zewg passi ulterjuri cioe reazzjoni mis-senat u wara rikonsiderazzjoni mill-istess bord u mehuda rakkomandazzjoni finali, din kienet tehtieg decizjoni mir-rettur. Din id-decizjoni nghatat fil-5 ta' Ottubru 2015. Ara bhala konferma ta' dawn artikoli 5.9, 5,10

u 8.1 tar-regolamenti li jirregolaw l-ezercizzju tad-dixxiplini tal-Universita, li jghidu hekk:

> 5.9 The Committee shall make report of its findings to the Rector recommending to him the application of disciplinary measures. A copy of the report shall be communicated to the student.
>
> 5.10 The Rector shall, on receipt of the report, and after giving the student the opportunity to make written or oral submissions as the Rector may deem appropriate, proceed to determine the disciplinary measures to be applied in the manner recommended by the Committee or to such lesser as he may deem appropriate.
>
> 8.1 Where the Rector, after the report of the Committee of Discipline, decides to suspend a student from University activities for more than a term or to expel a student from Unviersity activities for more than a term, or to expel a student from the University, or to annul or cancel any published examination results, he shall, prior to the taking of such action communicate the report to the Senate and seeks its advice.

L-artikolu 469A(3) Kap. 12 jghid hekk:

> Kawza biex twaqqa' eghmil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(b) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv.

Il-Qorti tqis illi sa meta saret taf bid-decizjoni tar-rettur tal-universita fuq sanzjonijiet dixxiplinari mehuda kontriha, il-perjodu ta' sitt xhur biex jigi kontestat l-ghemil amministrattiv, cioe d-decizjoni kif irid l-artikolu 469A(3) ma kienx ghadu ddekorra. Il-kawza giet prezentat fl-4 ta' Marzu 2016 u kwindi qabel l-gheluq ta' sitt xhur essendo d-decizjoni ntbaghtet lil attrici fil-5 ta' Ottubru 2015 u ma hemmx provi illi tali decizjoni kienet a konoxxenza tal-attrici qabel din id-data.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni ta' dekadenza tal-azzjoni; bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur